Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 441/1999/1

**Alfred Attard**

**Vs**

**Luke sive Luqa Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li hallas lill-attur is-somma komplessiva ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti danni kawzati nhar is-16 ta' Novembru 1998 ghal habta ta' 3.30p.m. fi Triq Cameron Gzira fil-vettura tal-attur tal-marka Skoda Rapid bin-numru ta' registrazzjoni DAM 915 u dana kawza tan-negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut meta kien qed jirriversja vettura tal-marka Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni IAI 819 fl-istess triq u baqa diehel fil-vettura ta' l-attur u

dana kif jidher mill-isketch u rapport tal-Pulizija anness mal-avviz (Dokument A);

2. Il-konvenut jigi dikjarat bhala responsabbli ghal hsarat kagonati fil-vettura ta’ l-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 18 ta’ Frar 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bil-qima, illi dak li talab kontra l-konvenut l-attur, ghandu jigi respint bl-ispejjes kontrih ghax ghall-incident stradali “de quo” ma kienx jahti l-eccipjent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi dan l-incident stradali, li fih kienu involuti karozza tal-marka Skoda numru DAM 915 misjuqa mill-attur u vettura tal-marka “Ford Transit” numru IAI 819, misjuqa mill-konvenut, gara fi Triq Cameron fil-Gzira.

Illi, dwar id-dinamika tal-istess incident, l-attur spjega (a fol 28 et seq ibid) li, minn Triq Stuart kien saq ghal gol-imsemmija triq u kif ghamel hekk hu kien ra li fuq il-lemin, kien hemm karozzi parkeggati waqt li fuq ix-xellug kien hemm “truck” tal-haxix, uzat mill-konvenut. L-attur, hawnhekk, sostna li l-konvenut “… rriversja ghal go fija” u laqat il-karozza tieghi “… bil-hadida ta’ wara”.

Illi, da parti tieghu, l-konvenut (fol 44 u fol 45 ibid) spjega li hu jbiegh haxix u kien waqaf, skond kif muri fuq l-iskizz tal-Pulizija (fol 27 tal-atti) sabiex jaghmel konsenja f’hanut, hemmhekk. In rigward dak li gara hu, testwalment, xehed “Meta lestejt, startjajt il-“van” u kif startjat smajt hoss ta’ bumm”. Dwar jekk kienx ghadu wieqaf meta sema’ dan il-hoss, hu ma wegibx direttament ghal din id-domanda izda qal ‘Jiena li naf zgur li startjajt il-‘van’ ‘ waqt li sahaq li ma kellux bzonn li jindjetregga stante li “Jiena kont sejjer in-naha ta’ fuq” u “meta ntlaqat ma jidhirlix li kont miexi l-

quddiem". Ta' minn jsemmi, ukoll, li l-attur kien ghamillu proposta li hu ma accettax anke fost theddida, ossija "…. Li hu (l-attur) kien dispost li jhallas Lm25 basta jiena (l-konvenut) nghid li kont imxejt lura".

Ikkunsidrat

Illi mir-rapport redatt jidher li l-konvenut kien di gja, cahad li kien indjetregga l-'van' misjuq minnu.

Ikkunsidrat

Illi dan jidher li hu wiehed minn dawk il-kazijiet fejn ma hemmx xi prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet sabiex il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni dwar liema versjoni tirrispekkja dak li effettivament gara' fil-kaz in desamina.

Illi ghandu jigi ripetut li minn jallega xi fatt, jispetta lilu, f'dan il-kaz l-attur, sabiex jipprovah almenu sa' grad ta' probabilta'.

Illi, pero, f'dan il-kaz ma hemmx prova li a basi taghha, l-attur seta' jsostni dak li allega fil-konfront tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------